**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/12*

Minuti tal-Laqgha Nru. 12 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2009 fis-6.30p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :
Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sur Joseph Farrugia

Is-Sinj. Renance Vella Aquilina ma setghetx tattendi ghal din il-laqgha

**I. Talba**
Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

**II. Minuti**
**I. Approvazzjoni**
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 11. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

**2. Emendi**
Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

**III. Materji mill-Minuti**
**1. Drenagg fi Triq il-Wilga**
Ix-xoghol fuq il-medda kollha tat-tqeghid tal-pajpijiet tad-drenagg, qed jitkompla u mahsub li dalwaqt ikun lest minn kollox. Hekk kif jitlesta t-tqeghid tal-mejn u jinghalaq il-wicc tat-triq, ikun fadal li jinghata t-tarmak fejn tqatghet it-triq.
**2. Tiswijiet fit-Toroq**
Tul dawn l-ahhar xahrejn il-Kunsill kien beda program ta' tiswija fit-toroq kollha ta' l-Ghasri. Dan ix-xoghol kien tlesta u issa fadal li jsiru xi tiswijiet fit-triq il-qadima.
**3. Triq ta' Wied il-Ghasri**
Fit-triq ta' Wied il-Ghasri saret it-tiswija li kienet bzonnjuza wkoll. Il-materjal kien imhallas mill-Kunsill Lokali filwaqt li l-makkinarju li ntuza ntbaghat mill-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku ha hsieb li jsir ix-xoghol kollu billi kellu kuntatti kontinwi mal-Ministeru halli niffrankaw mill-ispiza totali tal-makkinarju u haddiema.

**4. Preparazzjoni ghal-Gemellagg**

Is-Sindku qal li ghal din l-okkazjoni hu diga ikkuntattja lil Ta' Miema rigward l-ikla tal-gimgha u dawn urew li setghux jiehdu hsieb l-ikel huma peress li diga kellhom xoghol iehor fl-istess gurnata. Hu ghalhekk ikkuntattja lis-sid tal-Country Terrace u dan accetta li jaghmel l-ikla tal-festa. Hu se jaghmel buffet u din issir bhas-soltu fil-pjazza, izda jekk ikun il-maltemp se tintrama tinda apposta.

L-ikel li se jkun offrut hu ta' diversi tipi u ghalhekk se jkun hemm minn fejn issir l-ghazla skond kif mixtieq. Waqt din l-ikla, l-Kunsill se jiehu hsieb li tingab banda zghira minn Malta biex tallegra lill-pubbliku.

**5. Tiswija fi Triq tal-Gallina**

Rigward din it-triq, is-Sindku qal li kif kien accettat mill-Kunsill, din se titwitta mill-Kunsill u mbaghad jingab il-konkrit u dan jitferrex mill-bdiewa stess fil-parti ta' gewwa biss.

**6. Bini ta' Hajt ta' Ghalqa**

Dan il-hajt li jinsab fi Triq Ghammar u li kien waqa' ghal got-triq, issa tlesta mix-xoghol kollu.

**IV. Korrispondenza**

i. Laqgha tal-Kumitat Kongunt giet avzata ghal nhar il-Gimgha 20 ta' Marzu 2009 fis-203p.m. fl-NGO Centre fix-Xewkija.
ii. Avviz ta' nfurzar biex jieqaf xoghol f'ghalqa fi Triq il-Knisja liema avviz ighid li hemm ghalqa li qed tkerrah l-ambjent bl-oggetti go fiha.
iii. L-Onor. Dr Chris Said baghat javza li se tinzamm laqgha fejn jinghataw dettalji dwar il-Community Work Scheme li se tkun introdotta dalwaqt.
iv. Applikazzjoni ghal permess ta' l-izvilupp fi Triq il-Fanal biex jinbnew zewg djar hdejn il-Kumpless turistiku Tal-Fanal.
v. Memo 14/2009 fejn id-Dipartiment qed jitlob li l-Kunsill jindika fejn tressqu xi talbiet ghal Open Storage.
vi. Memo 16/2009 mid-Dipartiment ghal-Gvern Lokali li tirrigwarda l-eghluq tas-sena finanzjarja 2008/2009.
vii. Permezz ta' Memo 19/2009 id-Dipartiment baghat javza li l-Internet Banking ma jistax jintuza ghal transazzjonijiet.
viii. L-Onor. Dr Chris Said baghat jinforma li an il-Kunsill Lokali kien inghata s-somma ta €4500 bhala ghotja biex norganizzaw attivita bl-isem "Is-Sagra tal-Hxejjex u Frott". Din se tkun organizzata mill-Kunsill f'Settembru.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Attivita mill-Kunsill f'Settembru**

Fuq ftehim li kien sar is-sena l-ohra, l-Kunsilli f'Ghawdex kellhom jaghmlu attivita kulturali tul ix-xitwa fil-lokalita taghhom. Ghal dan il-Kunsill kien intghazel li din l-attivita ssir fl-ewwel hadd wara l-Ghid. Fil-fatt il-Kunsill kien ressaq applikazzjoni biex ninghataw sussidju fuq l-ispejjez involuti liema applikazzjoni kienet intlaqghet fejn kien accettat li ninghataw ghotja ta' €4500.

L-attivita kien se tkun bl-isem "Is-Sagra tal-Hxejjex u Frott".

Is-Sindku qal li qabel ma jikkommetti lilu nnifsu ghal din l-attivita hu ried li nkunu kwazi certi li din se tkun success. Ghalhekk hu ma hassx li kien ikun ghaqli li

naghmlu fid-data miftehma, imma l-ahjar li tithalla ghal wara s-sajf u preferibilment ghal nofs Settembru.
Is-Sindku ghalhekk issuggerixxa li naghmluha fix-xahar imsemmi u tkun dwar it-tkabbir tal-bettieh fil-lokal taghna u dan peress li r-rahal taghna hu hafna maghruf ghall-frott bnin li nipproducu specjalment il-bettieh.  Is-Sindku qal li hu diga kellem lil Toni Calleja u dan se jaghtih kitba dwar il-konnessjoni li hemm bejn it-tkabbir tal-frott specjalment il-bettieh ma' l-Ghasri.
Ghalhekk ghandu jintbaghat fuljett fejn jinghata taghrif fuq din l-attivita u l-bdiewa jithajjru jippartecipaw fiha billi jahsbu li jkabbru frott apposta ghall-okkazjoni u dawn il-produtturi mbaghad ikunu jistghu jbieghu l-frott taghhom.
Ghal din l-attivita se jkun qed jitfassal program flimkien ma' l-Ufficcju tal-Kultura tal-Ministeru ghal Ghawdex u dawn se jkunu qed jaghtuna kull ghajnuna mehtiega.

**2. Ghazla ta' l-Offerti tat-Tarmak**

Ghal din is-sejha ta' l-offerti, ddahhlu zewg offerti.  Wahda kienet minn Road Construction Co. Ltd. u l-ohra kienet minn Gatt Tarmac Ltd.
L-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd kienet tammonta b'totali ta' €33997 u dik ta' Road Construction Co. Ltd. kienet b'totali ta' €33400.61
Il-Kunsill ghalhekk iddecieda li l-offerta tinghata lil Road Construction Co. Ltd peress li din kienet l-aktar vantagguza.

**3. Ghazla tal-Kwotazzjoni tal-Hajt tas-Sejjieh**

Ghal din il-kwotazzjoni b'kollox iddahhlu hames offerti.  Dawn kienu minn Nazzareno Theuma, A. & E. Mintoff Co. Ltd., Nicky Saliba, Godfrey Borg, u Sammy Spiteri.  Dawn kellhom jaghtu l-kwotazzjonijiet fuq hames items fil-Bill of Quantities.
Il-Kunsill iddecieda li mill-hames items ta' xoghlijiet, jinghazlu items 2,3,u 4 u nahdmu l-istimi fuqhom u ta' min tkun l-irhas fit-total jinghata x-xoghol.

**4. Ghoti tal-Performance Bonus lis-Segretarju**

Quddiem il-Kunsill tressqet din il-mozzjoni biex ikun diskuss l-ghoti tal-Performance Bonus lis-Segretarju.
Ma tressqet l-ebda oggezzjoni u ghalhekk kien deciz lidan jinghata kif stipulat jigifieri ta' 5% obbligatorja u 5% skond id-decizjoni tal-Kunsill tas-salarju marbut mal-post.

**VI Materji Ohra**

**1. Laqgha fuq il-Fanal ta' Gordan**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien qed ikompli jistinka halli l-Fanal ta' Gordan jinghata l-attenzjoni mehtiega u ma jithalliex tigrilu aktar hsarat kawza tat-telqa li thalla fiha.  Wara laqghat li hu diga kellu u wkoll diversi kuntatti fuq dan is-suggett, is-Sindku qal li hu kien se jattendi ghal-laqgha f'Malta ma' l-Onor. Dr Chris Said halli nkunu nafu f'hiex waslu t-talbiet taghna halli dan il-monument lokali jinghata l-attenzjoni mehtiega u ma jithalliex jibqa' jigrilu hsarat.

**2. Allokazzjoni Finanzjarja**

Id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali baghat jinforma lil dan il-Kunsill Lokali, li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena li gejja ghal din il-lokalita b'kollox se tkun tammonta ghal €146,626.
Din l-allokazzjoni kienet imfissra permezz ta' tabella li qed turi kif tqassmu l-ammonti skond il-funzjonijiet li hu obbligat li jwettaq il-Kunsill.
Tabella ohra qed taghti wkoll figure dwar l-allokazzjoni globali ghal kull funzjoni taht ir-responsabiltajiet specifici.

**VII. Hlas ta’ Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata giet accettata mill-Kunsill.
Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-8.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ________________